**Bord li Jirregola l-Kera**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Combined Catering Limited (C 5026)**

**vs**

**And Oil Limited (C 59557) u Antonio Lattanzi (Karta tal-Identita' Taljana Nru AR7624247)**

Rikors Numru: 74/16JD

Illum 16 ta' Marzu 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-intimati tal-20 ta' Frar 2017 li permezz tieghu talbu li wara li l-Bord jiddikjara li mhumiex fi stat ta' kontumacja jinghataw id-dritt li jipprezentaw risposta.

Ra r-risposta tar-rikorrenti li permezz taghha joggezzjonaw ghat-talba mressqa ghar-ragunijiet dettaljament elenkati fl-istess risposta.

Ikkunsidra:

Illi originarjament dawn il-proceduri gew intavolati ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li giet intavolata l-kawza u qabel ma gew notifikati l-intimati l-istess rikorrenti pprezentaw rikors li permezz tieghu talbu korrezzjoni liema korrezzjoni kellha tirrifletti li l-proceduri odjerni ma kellhomx jitkomplew bil-

procedura sommarja u ghalhekk l-ghan kien li tigi rtirata t-talba ghad-dispensa tas-smiegh. Tali rikors intlaqa' minn dan il-Bord.

Illi l-intimati fir-rikors taghhom sostnew li meta huma gew notifikati bir-rikors promotur certu paragrafi gew imhassra izda paragrafi ohra mehtiega u rikjesti mil-ligi sabiex kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ma gewx ikkancellati u mnehhija mill-istess rikors promotur (senjatament it-tmien u t-tnax-il premessa) u kwindi inghatat l-impressjoni li tali procedura giet fil-fatt intavolata b'talba ghad-dispensa tas-smiegh. L-intimati ezebew l-att li gie notifikat lilhom.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Muscat Manduca vs Louis Manduca et**[1] fejn inghad:

*"Illi minn tali sentenzi jirrizulta li l-posizzjoni hija llum wahda cara u cioe`:-*

*1) "Illi l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva necessarja biex tassigura s-serjeta` fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qrati. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irreversibbli li timporta r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b' mod restrittiv" ("**Paul Vella et nomine vs Anthony Ellul**" - P.A. 4.7.1991 Vol. LXXX.II.729).*

*2) "L-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut b' avviz, citazzjoni … … … u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament f' dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett li l-ligi trid tirrepprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali" ("**Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul**" - Appell mill-Bord JSP - 13 ta' Jannar, 1999).*

*3) Illi ghalhekk meta kwalsiasi Qorti li tigi konfrontata b' kontumacja formali ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-appell negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra*

[1] Cit Nru: 660/2003RCP decided on 25th February 2010

*necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi furmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut se jigi kundannat fl-assenza ta' difiza ("**J. Vella pro et nomine vs J. Vella**" - A.K. 21.5.1993; "**P. Grech noe vs N. Zammit**" - A.C. 14.1.1993).*

*Illi ghalhekk apparti c-cirkostanzi fuq premessi, wiehed irid isib bilanc bejn l-osservazzjoni tal-principju audi alteram partem u negligenza tali da parti tal-konvenut li juru dispett u nuqqas ta' ubbidjenza lejn il-Qrati, b'mod li lanqas jinteressah li jiddefendi l-kawza tieghu ("**Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**" - Appell 12 ta' Dicembru, 1970)."*

Inoltre' hekk kif inghad fid-digriet fl-ismijiet **AB vs CD**[2] **:**

*"Id-decizjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-*
*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*
*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-*

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-*

[2] Rik Gur Nru: 156/2015/2RGM

*istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali…… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduráli Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."*

Illi jirrizulta lil dan il-Bord li fil-fatt l-intimat Antonio Lattanzi deher fl-ewwel seduta appuntata u deher kemm f'ismu kif ukoll f'isem is-socjeta' intimata.

Meta l-Bord ra l-att anness mar-rikors odjern jirrizulta effettivament li jista' jaghti lok ghal konfuzjoni ghalkemm bl-ebda mod ma l-Bord mhu jaqbel mal-affermazzjoni li kien hemm ezercizzju li sar b'mod traskurat. Sempliciment is-socjeta' rikorrenti indunat li l-procedura adoperata minnha ma kellhiex tkun dik tal-procedura sommarja u minflok hliet il-hin tal-Bord ghazlet li tirregola ruhha qabel mal-att promotur gie notifikat.

Il-fatt li Antonio Lattanzi deher fl-ewwel seduta jirrifletti li l-intenzjoni tieghu kienet wahda cara u cioe' li jirribatti l-pretensjonijiet tar-rikorrenti u dan proprju billi kien taht l-impressjoni li huwa kellu jidher f'din l-ewwel seduta u jitlob dakinhar li jinghata d-dritt li jipprezenta risposta guramentata. Ma jirrizultax ghalhekk li n-nuqqas ta' prezentata ta' risposta kienet frott turija ta' kontumelja lejn il-Bord.

Is-socjeta' rikorrenti sostniet li l-Bord diga' ddecieda li l-intimati huma kontumaci fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 u ghalhekk issa ma jistax

jerga′ joqghod jifli jekk l-intimati humiex kontumaci. Dan il-Bord ma jistax jaqbel ghaliex huwa proprju ghalhekk tezisti l-procedura fejn l-intimat jipprova jiggustifika l-posizzjoni tieghu billi jkun diga′ gie ritenut bhala li huwa kontumaci.

Fid-dawl ta′ dan kollu, il-Bord iqis li ghandu jilqa′ t-talba tal-intimati u ghaldaqstant jirrevoka contrario imperio d-dikjarazzjoni maghmula mill-Bord fil-15 ta′ Dicembru 2016 li l-intimati huma fi stat ta′ kontumacja u minflok qeghdin jinghataw id-dritt li jressqu r-risposta taghhom fi zmien ghoxrin jum millum.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**